IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.9.2020
COM(2020) 582 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mal-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja

{SWD(2020) 196 final} - {SWD(2020) 197 final}

MT MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tinnegozja protokoll ġdid li jkun jissodisfa l-possibbiltajiet u l-bżonnijiet reali tal-flotta tal-Istati Membri u li jkun konformi mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd u mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta’ Marzu 2012 dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika

L-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja kkonkludew Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli[1], li sar effettiv mid-9 ta’ Diċembru 2015[2]. Il-Protokoll ta’ Implimentazzjoni tiegħu se jiskadi fit-8 ta’ Diċembru 2020. Dan il-Protokoll jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji korrispondenti li l-Unjoni u s-sidien tal-bastimenti jridu jħallsu.

Il-Protokoll jipprevedi ammont ta’ EUR 357 500 għall-ewwel sena, ammont ta’ EUR 325 000 għat-tieni, għat-tielet u għar-raba’ sena u ammont ta’ EUR 292 500 għall-ħames sena, mill-baġit tal-UE bħala kumpens finanzjarju għall-aċċess għal tunnellaġġ ta’ referenza ta’ 6 500 tunnellata fis-sena. Barra minn hekk, is-sidien tal-bastimenti tal-UE jħallsu tariffi għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tagħhom abbażi ta’ prezzijiet stabbiliti fil-Protokoll għall-kwota allokata. Minbarra dan, għall-ħames snin li jdum għaddej il-Protokoll jingħataw ukoll EUR 1 625 000 mill-baġit tal-UE b’appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika tal-Liberja.

Il-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) mar-Repubblika tal-Liberja jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għas-sajd għat-tonn u għall-ispeċijiet tal-ħut li jpassi ħafna għall-bastimenti tal-UE minn żewġ Stati Membri (li huma Spanja u Franza). L-SFPA mar-Repubblika tal-Liberja huwa parti minn netwerk żviluppat tajjeb ta’ SFPAs bilaterali fl-Afrika tal-Punent u fl-Afrika Ċentrali, jiġifieri mal-Marokk, mal-Mauritania, mas-Senegal, mal-Cabo Verde, mal-Gambja, mal-Kosta tal-Avorju u ma’ São Tomé u Principe.

L-SFPAs jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-objettivi tal-PKS internazzjonalment, u jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni ’l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli bid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-SFPAs irawmu l-kooperazzjoni xjentifika bejn l-UE u s-sħab tagħha u jippromwovu t-trasparenza u s-sostenibbiltà sabiex ir-riżorsi tas-sajd jiġu ġestiti aħjar. L-SFPAs jinkoraġġixxu l-governanza billi jappoġġaw il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tal-flotot nazzjonali u barranin u billi jipprovdu l-fondi biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU) u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur lokali tas-sajd.

L-SFPAs isaħħu l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala membru tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT), li hija l-korp stabbilit skont il-liġi internazzjonali għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni ta’ speċijiet migratorji ħafna fir-reġjun.

[1] ĠU L 177, 1.7.2016
[2] ĠU L 328, 12.12.2015, p. 3–43

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid mar-Repubblika tal-Liberja huwa konformi mal-azzjoni esterna tal-UE b'rabta mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (il-pajjiżi AKP) u, b'mod partikolari, mal-objettivi tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għad-deċiżjoni hija prevista fl-Artikolu 218(3) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), li jistabbilixxi l-proċedura għan-negozjar u għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, li jinsab fit-Titolu V li jittratta l-ftehimiet internazzjonali, tal-Ħames Parti ta' dak it-Trattat, li tittratta l-azzjoni esterna tal-Unjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli, kompetenza esklużiva.

- **Proporzjonalità**

Id-deċiżjoni hija proporzjonali mal-objettiv.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument huwa previst fl-Artikolu 218(3) u fl-Artikolu 218(4) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Bejn l-2019 u l-2020, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll attwali tal-SFPA bejn l-UE u l-Liberja, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni huma mogħtija b'mod separat f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[3].

Mill-evalwazzjoni ħareġ li l-industrija tas-sajd tal-UE (tas-sajd għat-tonn) hija interessata ferm li taħdem fiż-żona tas-sajd tal-Liberja u li jidher biċ-ċar li t-tiġdid tal-Protokoll huwa l-għażla ppreferuta. F'każ li l-Protokoll ma jiġġeddidx, l-UE tkun tilfet strument li huwa kapaċi jwieġeb għall-bżonnijiet tad-diversi partijiet ikkonċernati u għall-bżonnijiet tagħha stess f'termini tat-tisħiħ tal-governanza globali tal-oċeani fl-Oċean Atlantiku tal-Lvant permezz tal-qafas multilaterali tal-ICCAT.

Għal-Liberja, l-intervent tal-UE jwassal għal valur miżjud minħabba li jagħtihom ċertezza ta' dħul baġitarju fuq diversi snin, pjattaforma uffiċjali għad-djalogu settorjali u għall-iskambji diretti mal-UE b'rabta mal-kooperazzjoni, u qafas għall-monitoraġġ u għall-kontroll konġunti tal-attivitajiet tal-UE. L-SFPA jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' prattiki tas-sajd responsabbli u jagħti aċċess għal linja baġitarja speċifika (tal-appoġġ settorjali) biex il-Liberja tingħata appoġġ finanzjarju biex timplimenta l-politika tas-sajd nazzjonali tagħha.

[3] SWD(2020)196

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni ġew ikkonsultati l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u s-soċjetà ċivili tal-Liberja. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli fih klawżola dwar il-konsegwenzi li jkun hemm f'każ li jinkisru d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji marbutin mal-Protokoll il-ġdid jinkludu l-pagament ta' kontribuzzjoni finanzjarja lil-Liberja, li huwa kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP) attwali, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-allokazzjonijiet għal-linja baġitarja[4] għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli. L-ammonti annwali għall-impenji u għall-pagamenti huma stabbiliti fil-proċedura baġitarja annwali, inkluża l-linja ta' riżerva għall-proposti li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fit-23 ta' Mejju 2017, ir-Repubblika tal-Liberja kienet innotifikata dwar il-possibbiltà li din tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/C 169/12[5] skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. In-negozjati għall-konklużjoni ta' protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja se jibdew biss wara li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/C 169/12 titreġġa' lura.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda kif ġej:

– jenħtieġ li l-Kunsill jawtorizzaha tiftaħ u twettaq negozjati għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mal-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja;

[4] Ara l-Kapitolu 40 (il-linja ta' riżerva 40 02 41) f'konformità mal-ftehim interistituzzjonali dwar il-QFP (2013/C 373/01).

[5] (2017/C 169/12), ĠU 169/11, 30.5.2017, p. 11–16

– jenħtieġ li hija tinħatar bħala n-negozjatur tal-UE dwar dan is-suġġett;

– jenħtieġ li hija twettaq in-negozjati b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali, kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

– jenħtieġ li l-Kunsill japprova d-direttivi ta' negozjati mehmużin ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mal-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li jinfetħu n-negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja[6].

(2) Fit-23 ta' Mejju 2017, ir-Repubblika tal-Liberja kienet innotifikata dwar il-possibbiltà li din tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/C 169/12 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. In-negozjati għall-konklużjoni ta' protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja se jibdew biss wara li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/C 169/12[7], titreġġa' lura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata tinnegozja Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mal-Gvern tar-Repubblika tal-Liberja f'isem l-Unjoni.

Dawn in-negozjati għandhom jinfetħu mill-Kummissjoni wara li titreġġa' lura d-Deċiżjoni 2017/C 169/12.

---

[6] Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 3)

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2017/C 169/12 tat-23 ta' Mejju 2017 dwar in-notifika lir-Repubblika tal-Liberja dwar il-possibbiltà li din tiġi identifikata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 169, 30.5.2017, p. 11)

Artikolu 2

Id-direttivi ta' negozjati jidhru fl-Anness.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Politika Esterna tas-Sajd.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President